MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 52/2001/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Marthese Bonnici, Jack Mifsud, Antoinette Barbara, Vincent Mifsud f'ismu proprju u f'isem l-assenti Mary Mifsud, Jane Micallef, Ermelinda Farrugia u Alfred Mifsud.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 28 ta' Mejju, 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-Utile Dominju Perpetwu u tad-Dirett Dominju Perpertwu tal-fond nru 183 fi Triq il-Wied, l-Imsida, huwa ta' disat elef u disa' mitt lira Maltin

(Lm9,900) ghall-Utile Dominju Perpetwu u mitt Lira Maltin ghad-Dirett Dominju Perpetwu, kif jidher mir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE tal-14 ta' Mejju 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi l-intimati kienu Marthese Bonnici, Jack Mifsud, Antoinette Barbara, Vincent Mifsud f'ismu proprju u f'isem l-assenti Mary Mifsud, Emanuel Mifsud, Jane Micallef, Ermelinda Farrugia u Alfred Micallef ilkoll ghall-Utile Dominju Perpetwu u Dr. Richard Sladden u PL Louisa Tufigno nominati b'digriet tat-3 ta' Lulju 2001 biex jirraprezentaw lis-sid jew sidien mhux maghrufa ghad-Dirett Dominju Perpetwu.

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju 2001, l-intimati Marthese Bonnici, Jack Mifsud, Antoinette Barbara, Vincent Mifsud f'ismu proprju u f'isem l-assenti Mary Mifsud, Emanuel Mifsud, Jane Micallef, Ermelinda Farrugia u Alfred Micallef ilkoll ghall-Utile Dominju Perpetwu, fost affarijiet jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan  il-kumpens ghandu jkun ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000).

Illi Dr. Richard Sladden u l-PL Louisa Tufigno naqsu li jirrispondu fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata rikjesti mil-ligi u ghalhekk waqghu kontumaci.

Illi fit-12 ta' Settembru 2001, ir-rikorrent gie notifikat b'ittra ufficjali datat 27 ta' Awissu 2001, fejn Mario Galea Testaferrata ddikjara illi huwa s-sid tal-fond imsemmi u li jaccetta l-kumpens offert ghad-Dirett Dominju Perpetwu.

Illi in vizta tas-suespost ir-rikors irid jimxi f'isem Marthese Bonnici, Jack Mifsud, Antoinette Barbara, Vincent Mifsud f'ismu proprju u f'isem l-assenti Mary Mifsud, Emanuel Mifsud, Jane Micallef, Ermelinda Farrugia u Alfred Micallef ilkoll ghall-Utile Dominju Perpetwu.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent  b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar

Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bird joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici”

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid:

Illi huma jzommu ferm it-talba ghall-kumpens taghhom kif diga’ ndikata u notifikata lill-Kummissarju tal-Art.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

F’ittra ufficjali mibghuta mill-intimati lir-rikorrenti, l-istess intimati kienu infurmaw lid-Direttur tal-Art illi bhala propretarji tal-Utile Dominju Perpetwu ma kienux disposti jaccettaw il-kumpens offert ghaliex l-kumpens minnhom pretiz huwa ta’ tletin elf lira Maltin (Lm30,000) flimkien mal-imghax jew danni ghall-okkupazzjoni mid-data tal-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern.

Illi l-perit arkitett tal-intimati minnhom mressaq bhal xhud f’din il-kawza ghamel stima tal-fond fil-valur ta’ Lm28,000 u dan ghaliex il-fond kien konvertit bhala mahzen b’faccata fuq il-main road. Wiehed mill-intimati xehed illi dan il-fond kien mikri lill-terzi bil-valur ta’ Lm1500 fis-sena

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Frederick H. Valentino, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma’ din is-sentenza:

Wara li ahna ezaminajna d-dokumenti relattivi elenkati fil-process flimkien mad-diversi xhieda u provi migjuba, wara li hadna in konjizzjoni c-cirkostanzi kollha relatati ma’ dan il-kaz, fosthom bini iehor fl-istess lokalita’ flimkien ma’ l-estensjoni fizika tal-proprjeta’ esproprijanda, minn kalkoli li ghamilna, a bazi ta’ l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta’ Proprejta’ ghall-Skopijiet Pubblici Kap 88 jidhrilna li l-ammont ta’ tletin elf lira maltin kif mitlub mill-istess intimati hija gustifikata (euros 69,881.20)

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut, l-Utile Dominju Perpetwu tal-fond 183 fi Triq il-Wied, l-Imsida versu l-kumpens ta’ Euro disa u sittin elf tmien mija wiehed u tmenin euro u ghoxrin centezmu (Euro 69,881.20), oltre l-imghax legali spettanti lil-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-ewwel ta’ Gunu, 2009 fis-1.30 fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------